# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Tmienja (8) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 365/20 FDP**

Fl-ismijiet

**SAACKE d.o.o kumpannijaa reġistrata ġewwa Kroazja bin-numru ta' reġistrazzjoni 080734343**

**Vs**

**Bastiment M/V Andes (IMO Nru 9399739)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Mejju 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti ipprovdiet diversi servizzi lill-bastiment intimat konsistenti fis-servizzi ta' diversi konsenji ta' merkanzija, materjal, proviżjonijiet, provvisti u neċessitajiet debitament forniti lill-bastiment intimat għat-tħaddim, immaniġġjar, żamma u manutenzjoni tiegħu;*

    2. *Illi għal dawn ix-xogħolijiet u servizzi suriferiti is-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet ingaġġjata mis-soċjeta' FS Andes Limited, soċjeta' reġistrata ġewwa l-Ġermanja bl-indirizz NSC Schiffahrtsgesellscha,*

*Van-der-Smissen-Strasse 9, 22767 Hamburg, il-Ġermanja, proprjetarja tal-bastiment intimat M/V Andes;*

3. *Illi s-servizzi u xogħolijiet fuq imsemmija jikkostitwixxu talbiet marittimi kif kontemplat fl-artikolu 742B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant hemm lok għall-azzjonl in rem kontra 1-bastiment intimat;*

4. *Illi għax-xogħolijiet u servizzi fuq imsemmija s-soċjeta' attriċi għadha ma tħallsitx tant illi fadal bilanċ ta' erbgħin elf, mitejn u sebgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);*

5. *Illi għalhekk il-bastiment intimat huwa debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-imsemmija somma ta' erbgħin elf, mitejn u sebgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);*

6. *Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-ammont dovut l-intimat baqa' inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;*

7. *Illi dan id-debitu tal-intimat fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, huwa ċert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-fehma tagħha, l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba għal ħlas tal-imsemmi ammont;*

8. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, in vista tal-fuq premess, titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;-*

1. *Tiddikjara lill-bastiment intimat bħala debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħin elf mitejn u sebgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);*

2. *Tikkundanna lill-istess intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħin elf, mitejn u sebgħin elf Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);*

3. *Tiddeċiedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smiegħ a bażi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-bastiment intimat li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.*

2. Rat illi fis-6 ta' Lulju 2020 il-Bastiment M/V Andes ġie notifikat bil-proċeduri odjerni.

3. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2020, fl-10,00 am, meta ssejjħet il-kawża, dehret is-soċjeta' rikorrenti li kienet rappreżentata mill-konsulent legali tagħha.

4. Il-Bastiment intimat u/jew r-rappreżentant tagħha, imsejjħa diversi drabi, ma dehritx, u għalhekk ġiet meqjusa bħala kontumaċi.

5. Rat illi, a tenur tal-Artikolu 170(1) tal-Kap 12, is-soċjeta' rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tiddeċiedi t-talba attriċi minnufih, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent.

6. Rat illi ma hemm ebda raġuni għaliex it-talba rikorrenti ma għandhiex tintlaqa'.

**Konklużjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti;

**Tiddikjara** lill-bastiment intimat bħala debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħin elf, mitejn u sebgħin Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);

**Tikkundanna** lill-istess intimat iħallas lis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħin elf, mitejn u sebgħin elf Ewro u tmien ċenteżmi (€40,270.08);

**Bl-ispejjeż,** u bl-**imgħax** mit-28 ta' Mejju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**